


# 125 sena - Il-Palk Prinċipali

*Pawlu Sammut*

Din is-sena taħbat il-125 sena minn meta żżanżan il-palk sabiħ li jżejjen Triq il-Kbira, magħruf minna l-Qriema bħala l-Palk ta' Pinto jew aħjar il-Palk Prinċipali. Dan il-palk, biċċa opra mill-isbaħ fl-injam narawh sabiħ illum iżda kien ferm u ferm isbaħ fis-sena li żżanżan fl-1884, meta l-armar fil-festi f'Malta tista' tgħid għajr għal xi erba' rħula oħra, ma kienx jeżisiti. Ħal Qormi sa minn dak iż-żmien seta' jiftaħar li kellu l-akbar u l-isbaħ opra ta' l-armar ta' barra.

Insibu l-ewwel promoturi jirsistu wara li fl-1882 il-Perit Luigi Vella mill-Furjana, ħażżeż il-pjanta bil-firma tiegħu, pjanta bil-kulur li għadha tinsab f'dar privata f'Ħal Qormi. Din l-opra ttieħdet bis-serjeta` u x-xogħol, għalkemm għad ma sibniex minn ħadmu, mexa ġmielu.

Il-Kappillan Dun Alwiġ Ellul ressaq rikors il-kurja sabiex fit-tlett iħdud ta' qabel il-festa ta' San Ġorġ, Giuseppe Sammut, bħala 'speciale incaricato da parte degli ornamenti esterni per la festivita` di S. Giorgio', jingħata permess jagħmel xogħol u iħaffer fl-art u jqiegħed il-pedamenti għall-Palk Prinċipali u jkun jista' jiżbgħu qabel jiżżanżan 'in Strada Reale del predetto villaggio.' Dak il-pedament taż-żonqor li illum huwa mgħotti bit-tarmac, kien reġa' tfaċċa meta f'Novembru ta' 1993 sar tħaffir fejn il-palk sabiex sar gandott għall-ilma tax-xita.

Insibu wkoll fil-'Ħabbar Malti' ta' April, 1884, kitba: "Nhar l-Erbgħa l-festa ta' San Ġorġ, titular ta' Ħal Qormi, fejn din is-sena saru bosta opri ġodda, sewwa fil-knisja kif ukoll barra, biex aktar dejjem jiġi onorat dak il-qaddis, u l-festa ssir sena akbar mill-oħra dejjem b'iżjed kbira pompa. Fost il-ħwejjeġ l-oħra sar dis-sena minn idejn l-artista Carlozz Darmanin anġlu għall-blandun u ġie sabiħ wisq, għal barra palk tal-banda ġdid ta' gost l-aktar ħelu u ħwejjeġ oħra."

Għalkemm fil-pjanta hemm ix-xbieha tas-Sultan Pinto tiddomina fuq il-palk, din l-istatwa fost l-isbaħ tal-Maestro Carlo Darmanin, ma saritx f'din is-sena iżda żżanżnet disa' snin wara. Il-Qriema rsistew kemm felħu biex propju fl-għeluq il-150 sena minn meta s-Sultan Pinto, fuq talba tal-Kappillan Dun Ġużepp Vella, f'isem il-kleru u l-poplu Qormi, laqgħa t-talba tagħhom u għolla lil Ħal Qormi għall-isem ta' Citta` Pinto, u għalhekk riedu wkoll barra l-festa ta' San Ġorġ, ifakkru din il-ġrajja bix-xbieha tiegħu għall-unur li tahom. In-




sibu f'ittra bla isem fil-"Malta Tagħna" tas-6 ta' Mejju, 1893, dwar il-baned li daqqew fil-festa ta' San Ġorġ:

"Kulħadd faħħar wisq il-baned u speċjalment dik tal-Ġużeppini li daqqet fuq il-palk tal-pjazza tal-knisja fejn hemm il-famuża statwa li tirrapreżenta l-Granmastru Pinto, statwa li għamlet unur lill-artist li għamilha, is-Sur Carlo Darmanin."

Ta' min jgħid li għal bidu il-gandilabri ta' madwar il-palk, bħal kull mixgħela oħra, kienu dejjem bit-tazzi taż-żejt. Kif twaqqaf il-Kumitat Festi Esterni, erba' snin wara, il-mixgħela tal-palk inbidlet b'sistema għall-gas bl-aċitelena. Din saret minn Kelinu Aquilina minn Ħal Qormi stess li kien impjegat mal-'power station' ħdejn it-Telgħa tal-Kurċifiss ħdejn l-imħażen ta' Pinto, fejn illum insibuh bħala l-'Valletta Waterfront'.

Insibu wkoll fl-istess żmien il-kumitat tal-festa jqabbad l-iskultur Carlo Tonna tar-Rabat biex jagħmel l-iskultura ornamentali kollha tal-palk, xogħol sabiħ li għadna ngawduh sal-lum.

Insibu wkoll li fl-1926 il-Kumitat Festi Esterni approva s-somma ta' tnax-il lira sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fuq il-Palk Prinċipali. Sal-1935 iż-żewġ






baned ta' Ħal Qormi, il-Banda Pinto u l-Banda San Ġorġ Martri, kienu jdoqqu fuqu l-Ġimgħa u s-Sibt, jalternaw sena kull banda, fejn fuqu kienu jtellgħu l-programm mużikali tagħhom. Imbagħad f'jum il-festa il-kumitat kien jistieden banda oħra barra r-raħal sabiex tagħmel il-programm tagħha. Ħafna drabi din il-banda kienet tkun jew il-La Vallette jew il-King's Own, it-tnejn mill-Belt Valletta.

Fl-1948, fuq talba tal-patrijiet Franġiskani tar-Rabat, il-kumitat aċċetta li jislef dan il-palk sabiħ sabiex jintrama' fuq il-fosos tal-Furjana biex fuqu, nhar l-4 ta' April, 1948, quddiem folla kbira ta' nies, tiġi nkuruanata x-xbiha mirakoluża tal-Madonna tas-Saħħa mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi megħjun mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Giuseppe Pace u l-Isqof ta' Tralles Mons. Emmanuel Galea. Kienu ħadu ħsieb l-armar tal-palk, l-inkarigat ta' l-armar Ġanni Cini, 'Ta' Ħaxja', megħjun minn Ġorġ Briffa 'L-Għasfur', Żeppi Azzopardi 'Ta' Żbari', Ġużeppi Agius 'Bramel', Salvu Debono, Wiġi Cassar, Ġorġ Baldacchino 'Tal-Paċċ', Salvu Sammut 'Gori', Kola Mamo u dilettanti oħra. Din l-okkażżjoni speċjali baqgħet imfakkra permezz ta' plakka tar-ram li ngħatat lill-Kumitat Festi Esterni b'rikonoxximent talli silef dan il-palk u li tpoġġiet fil-faċċata tal-palk u li tgħid: "Biex ma jintesiex il-jum 4 ta' April, 1948, meta fuq dan il-palk sabiħ ġiet inkurunata l-Madonna tas-Saħħa."

Għall-festi ċentinarji fl-1953, il-kumitat tal-festa ħa ħsieb jiżbogħ l-armar kollu fosthom il-Palk Prinċipali. Għaddew kważi 25 sena u reġa' kellu bżonn tiswija u żebgħa mill-ġdid. Għalhekk inżamm fil-maħżen biex jibda xi xogħol fuqu, iżda donnu kulħadd qata' qalbu li jidħol għal din il-biċċa xogħol. Deher li dan il-palk sabiħ kien se jiġrilu l-istess kif ġralu l-palk l-ieħor ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel fil-pjazza ta' San Franġisk, u jibqa' ġewwa u bil-mod il-mod jispiċċa biċċa biċċa ġo xi forn.

Dik il-ħabta Dun Pawl Genovese kien jagħmel xogħol ta' restawr u rħamar fl-armar fi Pjazza San Franġisk u wera x-xewqa li jidħol għar-restawr ta' dan il-palk. Ma kenitx xi biċċa xogħol ħafifa, però b'kuraġġ, b'imħabba u determinazzjoni kbira, wara tant xogħol, Dun Pawl irnexxielu jsalva din l-opra u jagħtiha l-ħajja mill-ġdid. Dun Pawl Genovese kien il-moħħ wara x-xogħol kollu u ħadem fuqu bil-qalb għal ħinijiet twal fir-restawr, żebgħa u rħamar. Insibu wkoll lil Dun Mikiel Żammit li għamel ix-xogħol ta' l-induratura kif ukoll lil Ġorġ Żammit 'Ta' Xiffa' li ħadem mill-ġdid il-pilastri u s-saqaf ta' dan il-palk. Kien hemm ukoll Kikku Gatt u xi żgħażagħ oħra li taw l-għajnuna tagħhom.




Dan il-palk reġa' ntrama' mill-ġdid għall-festa tas-sena 1984 f'egħluq il-mitt sena minn meta żżanżan, waqt ċerimonja li saret apposta il-Ħadd, 1 ta' Lulju, 1984. Il-kumitat tal-festa ħejja programm speċjali biex ifakkar din l-okkażżjoni u stieden lill-Banda San Ġorġ sabiex tagħmel programm mużikali fuqu, fejn kien indaqq ukoll l-innu l-kbir ta' San Ġorġ ta' Maestro Nikola Montebello b'versi ta' Dun Pawl Genovese.

Il-Palk Prnċipali, il-Palk ta' Pinto, ġie mbierek mill-Wisq Rev. Arċipriet Dun Edgar Attard.

Tul dawn l-aħħar snin, il-kumitat għamel ħiltu sabiex iżomm din l-opra fl-injam fl-aħjar kundizzjoni. Saru gandilabri u bandalori ġodda u ħa ħsieb l-induratura. Pero` x-xogħol fuqu tant sar tajjeb u bil-qalb, li min jarah ma jindunax li ġie restawrat 25 sena ilu.

Grazzi lil kull min kien ta l-għajnuna f'din l-opra tul is-snin u j'Alla nibqgħu ngħożżu dan il-wirt tant sabiħ tal-festa tagħna sabiex il-ġenerazzjonijiet ta' warajna jibqgħu igawduh bħalna.

JOSEPH qormi GARAGE

65, Triq K. Camilleri
QORMI

ROLLS ROYCE & MERCEDES BENZ
FOR YOUR WEDDING CARS
CHAUFFEUR DRIVEN &
MINI BUSES

TEL: 21 466 352
Tel: 21 494 412
Fax: 21 461 859
Mob: 9947 1189